# Id-Devozzjoni lejn il-Madonna

jikteb Patri Ġorġ Bezzina OSA



**Id-Devozzjoni lejn il-Madonna taċ-Ċintura u tal-Parir it-Tajjeb fil-Parroċċa tagħna tal-Għargħur**

'Dak li l-fidi Kattolika temmen dwar Marija, hu mibni fuq dak li temmen dwar Kristu, iżda dak li tgħallem dwar Marija jiċċara l-fidi tagħha fi Kristu'. Hekk jgħid il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika n.487.

### Id-Devozzjoni lejn il-Madonna

Il-qima lejn il-Madonna hija bbażata fuq il-fatt li Alla, sa minn dejjem, għażilha biex tkun omm l-Iben waħdieni tiegħu, Ġesu' Kristu, li ġie fid-dinja biex jeħlisna mid-dnub. Għall-kuntrarju ta' Eva, li tat sehem biex tiġi l-mewt fid-dinja, Marija tat sehem biex tiġi l-ħajja, is-salvazzjoni. L-IVA li tat Marija lill-anġlu Gabrijel baqa' jseħħ f'ħajjitha kollha, saħansitra meta sofriet taħt is-Salib ta' Binha. Għal din ir-raġuni hija saret omm il-bnedmin kollha.

It-titlu sabiħ ta' *Madonna taċ-Cintura* jew dak ta' *Madonna tal-Faraġ* hu wieħed mit-titli li bihom aħna l-Insara nqimu lil omm Kristu w ommna. Ir-raġuni ta' dan il-fatt hija storika. Fil-bidu kien hemm żewġ fratellanzi fil-knisja ta' San Ġakbu tal-Agostinjani ġo Bologna. Waħda kienet magħrufa bħala taċ-Ċintura billi n-nies kienu jġibu ma' qaddhom iċ-ċintura. Din il-fratellanza kienet tissejjaħ ta' Santu Wistin u Santa Monika. L-oħra kienet iġġib l-isem tal-Madonna tal-Faraġ. Taħt il-Papa Girgor XII (1572-1585), dawn iż-żewġ fratellanzi ġew magħqudin f'Arċifratellanza waħda. Alla, permezz tal-Madonna tana lil Ġesu' Kristu, il-faraġ ta' Iżrael, jiġifieri tal-Poplu ġdid ta' Alla. Issa, ladarba Ġesu' hu l-faraġ tal-bnedmin, Marija, ommu, għandha tiġi msejħa l-Omm tal-Faraġ. Insejħulha fl-istess waqt Madonna taċ-Ċintura għax lil Santa Monika meta fin-niket tagħha talbitha l-faraġ, deheretilha mħażżma b'ċintura kif se naraw. Il-Madonna bħal Binha Ġesu' tgħidilna: "Ejjew għandi intom li għandkom qalbkom imnikkta u jiena nfarraġkom".

Iċ-Ċintura hija ħżiem ta' fidi u ta' safa'. Dan il-ħżiem jissemma' fil-Kotba Mqaddsa. Għandna per eżempju lil San Ġwann Battista, li kien iġib ħżiem ma' qaddu. Biex ikollna s-safa tal-ħajja, Ġesu' qalilna: "Żommu ġenbejkom imħażżma". Kien użu fost il-Lhud u anke fost ġnus oħra li jġibu l-ħżiem ma' qaddhom. Għalhekk kif jgħidu l-kittieba u l-għorrief tal-Knisja, bla dubju ta' xejn il-Madonna kienet iġġib ma' qaddha dan il-ħżiem. It-tradizzjoni tgħid li meta Santa Monika kienet imnikkta minħabba l-mewt tar-raġel u minħabba l-ħajja mtajra ta' binha Wistin, hi talbet lill-Madonna biex tgħinha fil-hemm tagħha. U l-Madonna qaltilha: "Dan għandu jkun l-ilbies tiegħek u qis li xxerred din id-devozzjoni taċ-Ċintura fost l-Insara. Lil dawk li jitħażżmu biha nqishom bħala uliedi u nfarraġhom". Skond l-istess tradizzjoni, Santu Wistin, meta twaqqaf l-Ordni Agostinjan, ordna lill-patrijiet u s-sorijiet tiegħu biex jilbsu libsa sewda u jitħażżmu biċ-cintura. Dan l-ilbies tal-Agostinjani nsibuh reġistrat fil-kotba sa mill-1253 taħt il-Papa Innoċenz IV, u fis-sena 1255 taħt il-Papa Alessandru IV.

Fil-knisja tal-Parroċċa tagħna nsibu artal u fuqu kwadru tal-Madonna taċ-Ċintura li hu xogħol ta' Francesco Zahra. Għandna wkoll il-Fratellanza tal-Madonna taċ-Ċintura, li

l-Wisq Reverendu Patri Ġeneral tal-Agostinjani approva t-twaqqif tagħha fis-16 ta' Mejju 1747. Imma ċ-ċerimonja tat-twaqqif saret fit-28 ta' Lulju tal-istess sena. Bertu Sammut, li miet fis-sena 1909 kien dam żmien twil bħala Prokuratur ta' din il-fratellanza u hekk għamel ukoll Bertu Bezzina, missieri.

Id-devozzjoni lejn il-Madonna taċ-Ċintura, kif jgħid Sant Alfonz minn Orozco, Agostinjan, tikkonsisti filli tingħad il-kurunċina li tiġbor fiha t-talba ta' 13-il Missierna u Sliem Għalik Marija, u qabel kull Missierna jingħad artiklu tal-Kredu. Fl-aħħar tingħad is-Sliem Għalik Sultana. (In-numru 13 irid ifakkarna f'Ġesu' u t-tnax l-Appostlu). Din id-devozzjoni aħna l-patrijiet Agostinjani xerridniha fost l-Insara bl-akbar ħeġġa sa mis-Seklu 15.

**Talba lill-Madonna taċ-Ċintura**

Alla, li permezz tal-Verġni Marija għoġbok tibgħat lil Ġesu' Kristu, faraġ tal-poplu tiegħek, agħtina nitolbuk, biex bl-interċessjoni tagħha nimtlew b'kull faraġ, u nixxierku fih ma ħutna. Amen.



*Artal tal-Bon Kunsill*

Id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Parir it-Tajjeb ġejja mill-fatt li Ġesu' fil-Bibbja jissejjaħ il-Kunsillier il-Kbir tal-Għoli. La Hu hekk, ommu hija Omm il-Kunsillier it-Tajjeb. Nafu mill-Evanġelju ta' San Ġwann li l-Iben t'Alla hu Dak li bih sar kollox u li mingħajru ma' sar xejn. Nafu wkoll li l-Iben t'Alla hu d-dawl li jdawwal kull bniedem li jiġi fid-dinja. Għaldaqstant, kull għemil tajjeb tagħna ġej minnu. Issa, min wara Ġesu' jista' jagħtina pariri tajba aktar minn Ommu w Ommna Marija, li għal tletin sena għexet miegħu u kienet imdawwla mill-għerf tiegħu, Hu li l-Kotba Mqaddsa jsejħulu l-kobor u l-għerf ta' Alla? Għalhekk il-Knisja u l-Poplu kollhu nisrani sa mill-bidu tar-reliġjon Nisranija dejjem irrikorrew lejha fiż-żminijiet ta' deċiżjonijiet kbar u niket bħala l-Kunsilliera t-Tajba. Fost dawk li rrikorrew għand Marija, Omm il-Parir it-Tajjeb, insibu lill-Papa Ljun XIII, li għex fi żminijiet diffiċli ta' taqlib u tagħlim falz. Kienu ħafna l-Papiet li marru jinvistaw is-Santwarju tagħha ġo Genezzano. Fost dawn insibu lill-Papa Ġwanni XXIII, il-Papa Ġwanni Pawlu II u l-Papa Benedittu XVI.



*Artal taċ-Ċintura*

Il-belt ta' Genezzano tinsab xi tliet siegħat

bogħod minn Ruma. Jingħad li x-xbieha mirakoluża tal-Madonna tal-Parir it-Tajjeb li kienet fi Skutari fl-Albanija, minħabba l-ħażen li kien hemm f'dik il-belt, intrefgħet minn postha u marret fil-knisja tagħna l-Agostinjani ta' San Blas. Dan ġara fl-24 ta' April 1467. Qabel dik il-knisja ġa kien hemm waħda antika fis-Seklu 10. Fis-sena 1356, il-knisja kienet ġiet fdata lilna, il-patrijiet ta' Santu Wistin. Il-knisja li hemm illum inbniet u tkabbret bejn is-snin 1621 u 1629. Fis-sena 1763, il-Provinċja Agostinjana ta' Sqallija, li minnha l-Agostinjani Maltin kienu jagħmlu parti, kienet għażlet lill-Madonna tal-Parir it-Tajjeb bħala l-Patruna speċjali. Konna aħna l-patrijiet Agostinjani li xerridna mal-ħames kontinenti d-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Parir it-Tajjeb. F'Malta u Għawdex għandek issib il-kwadru tagħha kważi f'kull parroċċa. Il-kwadru tal-Madonna tal-Parir it-Tajjeb fil-Parroċċa tar-Raħal tagħna jinsab ħdejn il-fonti tal-Magħmudija. Fl-imgħoddi, il-Maltin u l-Għawdxin kienu jgħidu l-Kurunella tal-Madonna ta' spiss. Il-knisja tagħna ta' Paceville hija ddedikata lill-Madonna tal-Parir it-Tajjeb. F'dik il-knisja l-festa ssir fil-25 ta' April filwaqt li fi knejjes oħra ssir jum wara.

**Talba sabiħa lill-Madonna tal-Kunsill it-Tajjeb hi din tal-Papa Piju XII:**

O Verġni Marija b'fiduċja kbira nintefgħu f'riġlejk meta bejn ħaltejn infittxu u nixxenqu għas-sewwa u t-tajjeb, u nsejħulek bit-titlu sabiħ ta' Omm tal-Parir it-Tajjeb. Nitolbuk tagħtina l-għajnuna tiegħek meta f'ħajjitna l-għelt u l-qerq idallmulna moħħna u qalbna u jtellfulna t-triq li twassal għall-fidwa tagħna. Jekk tmexxina l-id Tiegħek, Omm tagħna Marija, aħna nimxu mill-mogħdija murija lilna mill-ħajja u l-kelma ta' Ġesu', il-Ħellies tagħna, u naslu biex niksbu l-ferħ u s-sliem dejjiema Miegħek fil-ġenna. Amen.




# Josef Felice (Tal-Bonċ)

**Servizz tal-Funerali, 24 Siegħa Kuljum. Servizz tal-kor u organista bla ħlas**

**Prezzijiet Moderati**

*'Casa Felice', Triq l-Indipendenza, Żebbuġ.*
*Tel: 21 466599 - Mob: 9945 6733*